Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali

**Brussell, 15 ta' Frar 2022**

**CM 1678/22**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2021/0184(NLE)**

**PECHE**

## KOMUNIKAZZJONI

**PROĊEDURA BIL-MIKTUB**

| | |
|---|---|
| Kuntatt: | LIFE.Fisheries@consilium.europa.eu |
| Tel./Fax: | +32.2.281.6083 |
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Riżorsi tas-Sajd f'Ibħra Miftuħa fit-Tramuntana tal-Oċean Paċifiku<br>- Awtorizzazzjoni li tintuża l-proċedura bil-miktub<br>- Adozzjoni tad-deċiżjoni<br>- Approvazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-Kunsill<br>= BIDU TA' PROĊEDURA BIL-MIKTUB |

F'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, il-Presidenza ddeċidiet li tniedi proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Riżorsi tas-Sajd f'Ibħra Miftuħa fit-Tramuntana tal-Oċean Paċifiku.

**Jekk jogħġobkom indikaw:**

1) jekk taqblux mal-użu tal-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Riżorsi tas-Sajd f'Ibħra Miftuħa fit-Tramuntana tal-Oċean Paċifiku ;

   **Jekk jogħġobkom wieġbu "IVA" jew "LE".**

2) jekk taqblux mal-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq, kif tinsab fid-dokumenti 12617/21 + ADD 1 ;

   **Jekk jogħġobkom wieġbu "IVA", "LE" jew "ASTENSJONI".**

3) jekk taqblux mal-approvazzjoni tad-dikjarazzjoni li ġejja sabiex tiddaħħal fil-minuti tal-Kunsill:

   "*Il-Kunsill huwa impenjat li jfittex li jiġu inklużi d-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni ta' data personali li għandha tiġi pproċessata fil-qafas tal-Konvenzjoni f'atti leġiżlattivi rilevanti tal-Unjoni u li jkompli jaħdem għall-adozzjoni ta' aktar regoli dwar tali pproċessar mill-Kummissjoni tas-Sajd fit-Tramuntana tal-Paċifiku u jappella lill-Kummissjoni biex tinkludi tali dispożizzjonijiet fil-proposti rilevanti tagħha.*"

   **Jekk jogħġobkom wieġbu "IVA", "LE" jew "ASTENSJONI".**

Kwalunkwe dikjarazzjoni oħra għandha ssir fl-istess ħin tat-tweġiba għall-mistoqsija.

It-tweġibiet għandhom jaslu għand is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill sa mhux aktar tard minn **nhar it-Tlieta 15 ta' Frar 2022 fis-18:00**. It-tweġibiet għandhom jintbagħtu bil-posta elettronika fuq: **LIFE.fisheries@consilium.europa.eu**.